MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 557/2004

**Gevimida Limited**

**Vs**

**Giovanni di Bari u Vincenza Colosuanno**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm224.61(mitejn erbgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuti ghall-hlas ta' kera.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Tghidu ghaliex m'ghandkomx tigu kkundannati thallsu l-ammont ta' mitejn erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm224.61) rapprezentanti bilanc minn

somma akbar dovut minnkom lill-kreditur ghall-hlas ta' kera ta' Apartament numru 2 u Garage numru 2, "Mountview", New Street, off Vjal ir-Rihan, Tal-Balal, San Gwann sal-perjodu tas-6 ta' Novembru, 2003 u konsum ta' dawl, ilma telefon fl-istess fond.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra bonarja datata 27 ta' Dicembru, 2003, bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-hlas eventwali, kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-kirja msemmija kienet intemmet qabel dik id-data u kienet thallset ghal-kollox.

Illi rigward il-kont tad-dawl kif imsemmi fl-avviz dan il-kont ma thallasx minhabba illi s-socjeta` attrici kellha taghti kumpens lill-konvenuta ghal ksur ta' oggetti appartenenti lilhom, liema kumpens qatt ma nghata.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna hlas ta' kera u servizzi ohra ghall-fond mikri lill-konvenuti mis-socjeta` attrici u dana jemani mill-kuntratt ta' kera datat 20 ta' Settembru 2002 u esebit a fol 13 tal-process.

Il-konvenut jallega illi m'ghandu jaghti xejn lill-istess socjeta` attrici.

Iz-zewg partijiet ipprezentaw diversi dokumentazzjoni inkluz l-affidavits taghhom sabiex isostnu l-pretensjonijiet taghhom.

Kif gja kellu okkazzjoni li jirrileva t-Tribunal f'kazijiet simili l-attur irid jipprova l-kaz tieghu stante l-oneru jikkombi fuqu fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Il-versjoni moghtija mill-konvenut hija wahda accettabbli verosimili, pero` possibbli.

F'materja civili l-bilanc ghandu jkun fuq probabilita` u mhux possibilita` u fil-kaz odjern is-socjeta` rnexxielha tipprova l-kaz taghha fuq dan il-bilanc.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm 224.65), bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------